# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 46

KAZ NRU. 53

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Joseph Caruana
u
Messrs Swan Laundry & Dry Cleaners

Chairman : G.A. Craig

Data : 6 ta' Gunju 1979

B'ittra tat-22 ta' Frar 1979 il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irreferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' Joseph Caruana mid-Ditta Messrs Swan Laundry and Dry Cleaners, tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

It-Tribunal zamm tlett seduti li fihom deher ghal Joseph Caruana is-Sur Anton Ferris u ghad-Ditta Swan Laundry deher is-Sur Mark Cini. F'dawn is-seduti instemghu bhala xhieda ghall-appellant, George Xuereb u Victor Zammit waqt li ghad-Ditta instemghu Philip Farrugia, Vincent Zammit u Alfred Pisani.

Statements of Case - Ghal Joseph Caruana gie sottomess li hu talab lill-Kumpanija permess biex jiehu 'long leave' without pay' biex ikun jista' jmur l-Ingilterra fuq kors ma kumpanija ngliza. Dan gie accettat kif jidher minn ittra tat-2 ta' Marzu 1978 iffirmata minn G. Xuereb, Managing Director tal-Kumpanija. Izda meta hu kien ghadu l-Ingilterra ircieva ittra li ggib id-data tad-29 ta' Lulju 1978 iffirmata mis-Sur Victor Zammit, General Manager tal-Kumpanija fejn infurmawh li l-Kumpanija ma kienetx ser terga' taghtih lura

/2. .....

l-impieg meta jerga' lura ghal ragunijiet imsemmija fl-ittra. Ghalhekk meta kellu awtorita' tal-Managing Director biex isiefer u garanzija li jerga' jiehu l-post lura meta jigi ma setghax isib l-ebda raguni gusta ghat-tkeccija.

Ghal-Kumpanija gie sottomess illi mill-minuti tal-Management meetings li nzammu qabel ma telaq minn mal-Kumpanija u li ghalihom kien prezenti l-Managing Director is-Sur George Xuereb jidher car li s-Sur George Xuereb ma kien qatt moghti awtorita' mill-Bord biex japprova lill-appellant 'long leave without pay'. Fil-fatt anki l-istess ittra tas-Sur George Xuereb tghid li l-Kumpanija 'undertakes to re-employ' li biha taghmel car li l-appellant kien spicca mill-impieg.

Gie sottomess li s-Sur George Xuereb ghamel ghazla hazina, meta accetta l-proposta ta' l-appellant anki kontra l-parir ta' l-Assistant General Manager is-Sur Victor Zammit, u din l-ghazla izjed u izjed ma kellux jaghmilha meta kien ga jaf li hu kien ser ihalli l-Kumpanija ftit wara u ma kienx ikun hemm meta jigi lura l-appellant u ghaldaqstant ma kellu ebda dritt jikkommetti lill-Management futur minkejja l-fatt li l-assistent tieghu, is-Sur Victor Zammit irrifjuta li jikteb meta mitlub mill-General Manager is-Sur Xuereb il-'letter of commitment' u dan qal li s-Sur Xuereb kien ser jaghmel zball kbir u dan juri bic-car li s-Sur Xuereb ma kellu awtorita' li jorbot lill-Kumpanija fi ftehim bhal dan. Seta' li dan sar biss ghax kienet tezisti certa hbiberija bejn is-Sur Xuereb u l-appellant billi dan kien jaqdi lis-Sur Xuereb f'affarijiet personali.

Fuq kollox, sostna is-Sur Cini ghall-Kumpanija, meta telaq is-Sur Xuereb u floku sar is-Sur Victor Zammit, dan sab li kellu ta' bil-fors idahhal in-nies biex imexxi sew u fid-29 ta' Lulju kiteb lill-appellant u ghamel il-posizzjoni cara u l-appellant qatt ma wiegeb ghal din l-ittra. L-appellant anqas ma kkommetta ruhu bhal ma suppost

/3. .....

li ghamel skond il-kondizzjonijiet tal-Bord, li hu jintrabat li jwiegbed is-servizz tieghu lill-Kumpanija wara li jigi lura u ghalhekk naqas milli jzomm il-kondizzjonijiet kollha. Fuq kollox l-appellant ma kienx mibghut ghal-'training' mill-Kumpanija bhal ma kienu xi ohrajn ghax kieku kien jintbaghat ghas-spejjez tal-Kumpanija bhal fil-kaz ta' Philip Farrugia. Dan ried imur l-Ingilterra anki kieku s-Sur Xuereb ma ghamilx dak li ghamel.

Dokumenti esibiti mill-appellant:

a) Statement of Case ta' Joe Caruana - immarkat bhala Dok.1.
b) Ittra minghand Mr G. Xuereb lil Mrs. Calwell li ggib id-data tal-4 ta' Novembru 1977 li giet immarkata bhala Dok.2.
c) Ittra minghand Mrs. Calwell, certifikat tas-Sur J. Caruana li gie mmarkat bhala Dok.3.
d) Ittra minghand is-Sur G. Xuereb lil Mrs. Calwell li ggib id-data tal-20 ta' Jannar 1978 immarkata bhala Dok.4.
e) Ittra minghand Mrs. Calwell lis-Sur Xuereb li ggib id-data tat-28 ta' Novembru 1977 - immarkata bhala Dok.5.
f) Ittra minghand is-Sur G. Xuereb lil Mr. Caruana li ggib id-data tat-2 ta' Marzu 1978 - immarkata bhala Dok.6.
g) Request for leave of Absence minghand is-Sur Caruana li giet immarkata bhala Dok.7.
h) Ittra minghand is-Sur Victor Zammit lis-Sur J. Caruana li ggib id-data tad-29 ta' Lulju 1978 - immarkata bhala Dok.8.
i) Ittra minghand is-Sur Victor Zammit lil General Manager tas-Swan Laundry li ggib id-data tat-3 ta' Novembru 1978 li giet immarkata bhala Dok.9.

Dokumenti esibiti mill-Kumpanija

a) Statement of Case tal-Kumpanija li gie mmarkat bhala Dok.10.
b) Kopja tal-Minuti tal-Management Meeting tal-4 t' Ottubru 1977 li giet immarkata bhala Dok.11.
c) Kopja tal-Minuti tal-Management Meeting tal-5 ta' Jannar 1978 li giet immarkata bhala Dok.12.
d) Kopja tal-Minuti tal-Management Meeting tas-6 ta' Novembru 1978 li giet immarkata bhala Dok.13.
e) Kopja ta' ittra minghand is-Sur G. Xuereb lis-Sur J. Caruana li ggib id-data tat-2 ta' Marzu 1978 li giet immarkata bhala Dok.14.
f) Kopja ta' ittra minghand is-Sur Victor Zammit lis-Sur J. Caruana li ggib id-data tad-29 ta' Lulju 1978 li giet immarkata bhala Dok.15.

Xhieda fil-qosor - George Xuereb li kien Managing Director mal-Kumpanija qal li l-appellant kien wera x-xewqa li jmur jaghmel kors l-Ingilterra ta' xi sena u talab li jekk il-Kumpanija ma ssibx oggezzjoni u jinghata lura l-impieg li kellu, dan imur. Fil-fatt bhala Managing Director kien kitiblu li jista' jmur basta ma jmurx izjed minn tmien xhur u li "nergghu nimpjegawh lura, almenu bl-istess paga li kellu dak iz-zmien," izda seta' jkollu zieda "according to his capabilities". Ma ftakarx kienx hemm approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi biex l-appellant imur l-Ingilterra ghal 'course' pero' qal li dan ma deherlux li kien hemm bzonn ghaliex affarijiet ta' din in-natura kien jiddecidiehom hu, pero' ftakar li kien hemm xi diskors. Meta inqrawlu xi bcejjec mill-minuti fuq dan is-suggett wiegeb li ma jafx bihom jew insiehom izda ma cahadx li dak li nqara ma ntqalx izda ma ftakarx li ntqal id-diskors "will be terminating his employment" ghaliex kieku kien ikun jikkontradixxi lilu n-nifsu ghax hu kien qallu "you will be re-instated." Ftakar li meta saret il-

/5. .....

mistoqsija fil-Bord jekk l-appellant jitlaq u ma jigix lura, hu kien wiegeb "M'hemmx garanzija li jigi lura ghaliex jekk isib impieg iehor anki jekk taghmlulu l-penali, xorta jibqa' hemm u ma jigix," ghaliex l-appellant ma riedx imur jekk ma jkollux assigurazzjoni li jiehu l-post lura, izda dan ma fissirx li l-minuti kienu foloz. Hu qal ukoll li meta hu kellu hafna responsabiltajiet gholjin ma deherlux li permess ghal "long leave" kellu bzonn l-approvazzjoni tad-Diretturi l-ohra. Mistoqsi r-raguni l-ghala ma talabx lill-appellant 'undertaking' li hu jigi lura, ix-xhud wiegeb li dan kien sejjer imur ghas-spejjez tieghu u jekk isib impieg tajjeb hemm, anki jekk taghmillu penali, ihallasha u xorta ma jigix.

Victor Zammit - Assistant General Manager u wara sar General Manager, qal li ftakar li hu kien iffirma l-'long leave' lill-appellant u kien ukoll kitiblu l-ittra tad-29 ta' Lulju fejn infurmah li mhux ser jerga' jigi mpjegat mal-kumpanija ghaliex hu kien ghamel ruhu 'redundant' kif spjegalu fl-ittra. Mistoqsi l-ghaliex dahhlu iehor floku jekk kien 'redundant' ix-xhud wiegeb li l-appellant ried jitlaq anki kieku ma giex moghti lilu l-'leave', li dan ma kienx mibghut mill-Kumpanija u waqt li dan kien hemm il-Kumpanija tilfet hamsa minn nies, kien is-sajf, l-istagun ta' xoghol kbir, u ma setghux izommu l-post ta' l-appellant vojt, u l-kliem li kellu fl-ittra tat-2 ta' Marzu "in case of emergencies" kienu jiftehmu ghalih u mhux ghal Kumpanija. Qal ukoll li l-ittra tad-29 ta' Lulju 1978 , l-appellant ma rrispondieha qatt, ried jghid li hu kien mitlub mill-appellant biex jiktiblu ittra bil-kundizzjonijiet (letter of intent) izda hu ma riedx, kien staqsa lil George Xuereb u dan staqsa li x-xhud biex jaghmilha izda dan qallu li ma riedx jikkommetti lill-Kumpanija u ghalhekk accetta li jiffirma biss l-'unpaid leave' izda George Xuereb iddecieda jikteb ittra hu minkejja li x-xhud kien l-ewwel superjur fuq l-appellant. Qal ukoll li meta l-

appellant ma ghamel l-ebda reazzjoni ghall-ittra tad-29 ta' Lulju, assuma li dan ma kienx izjed interessat ghaliex din l-ittra kienet timmerita twegiba partikolarment is-suggeriment li l-appellant kien jaqbillu jibqa' hemm.

Philip Farrugia qal li meta ntbaghat barra minn Malta ghal 'training' kien intbghat mill-Kumpanija u ghas-spejjez tal-Kumpanija.

Vincent Zammit qal li l-appellant u George Xuereb kienu hbieb sewwa u li l-appellant kien jehodlu hsieb l-affarijiet personali tieghu bhaz-zwiemel u l-klieb waqt il-hinijiet tax-xoghol u li meta kien jaghti xi ordni lill-appellant li ma jaqbilx maghha kien jidhol hdejn is-Sur Xuereb u jiehu l-ordnijiet minn ghandu.

Alfred Pisani - Chairman tal-Kumpanija u kien jaghmel xoghol ta' Managing Director ukoll, qal li meta kien kellmu s-Sur George Xuereb fuq id-domanda tal-leave, hu kien qallu li l-appellant ma setghux izommuh izda jekk ser jigi garantit li jiehu l-post lura dan kellu jwieghed bil-miktub li hu ser jerga' lura kif jidher car mill-minuti biex hekk iz-zewg partijiet ikunu marbuta. L-appellant ma kellux bzonn imur ghat-"training" ghax, il-Kumpanija giebet wiehed barrani hawn Malta ghal dan l-iskop. Dan intqal waqt il-meeting tal-Bord tad-Diretturi. L-istess minuti juru li (Minute No. 17/77) li l-appellant "will be terminating his employment" u dan kien fil-presenza tas-Sur Xuereb u anke meta fil-"meeting" ta' wara inqraw dawn il-minuti, is-Sur Xuereb kien prezenti ukoll, u dak in-nhar insista li jekk ser jiggarantulu "re-employment" ghandu jkun hemm garanzija minn ghand l-appellant li dan ser jerga' jigi - jigifieri marbutin it-tnejn. Qal ukoll li s-Sur Xuereb biegh ix-shares tieghu lill-Kumpanija f' Ottubru ta' 1977 u kellu jibqa' jaghmel handing over sa Marzu 1978. Meta sar jaf li l-appellant kien bl-impressjoni li dan ser jerga' jigi lura ghax-xoghol, qal lil Victor

Zammit jiktiblu car u tond halli jevita 'misunderstandings' u dan sar fid-29 ta' Lulju 1978 fejn spjegawlu l-posizzjoni. Xi ftit granet wara li ntbaghtet din l-ittra, ircieva telefonata minn ghand l-appellant u haseb li ser jghidlu xi haga fuq din l-ittra u meta staqsieh jekk ircevihiex dan wiegbu li ma kienx ircivieha. Ghalhekk qallu x'kien il-kontenut taghha u bghatlu kopja taghha, fil-fatt l-appellant bil-fors ircevihaa ghax esebixxa kopja taghha quddiem it-Tribunal. F'dik l-ittra qalulu car li l-impieg tieghu mal-Kumpanija kien terminat.

Ix-xhud qal ukoll li l-ittra li kien kiteb is-Sur Xuereb lill-appellant kien sar jaf biha wara hafna ghax hu ma kienx raha u inqas ma kien gie konsultat, inqas ma kien qatt ra l-applikazzjoni ta' l-appellant ghal-'long leave'. Is-Sur Victor Zammit li ffirmaha wkoll kien ghadu kif dahal fl-impieg mal-Kumpanija u ma kienx jaf x'kien intqal fuq dan is-suggett, u li s-Sur Xuereb kellu jaghmel "letter of commitment" u x'kienu l-kundizzjonijiet. Billi hu kien ic-Chairman u peress li kienu xtraw ix-'shares' tas-Sur Xuereb li kien ser jispicca f'Marzu, hu ried li jkun jaf li kwalunkwe decizjoni li ssir minn Ottubru sa Marzu u kien ghalhekk li kienu jzommu l-'meetings' b'dawk id-dettalji kollha; sa minn Dicembru hu kien qal li hu kien lest jintrabat biss jekk l-appellant jintrabat ukoll bil-kitba li ser jerga' jigi mal-Kumpanija definitivament sa certu data u billi dan ma sarx ghamlulu 'termination' u z-zewg partijiet baqghu liberi. Meta sar jaf li kienet saret l-ittra tas-Sur Xuereb immedjatament qal lis-Sur Zammit jiktiblu ittra biex jispjegalu u xi hmistax-il gurnata wara l-appellant cempillu u kien sorpriz ghax dan meta kien Malta qatt biss ma rah jew kellmu u ghax ircieva l-ittra minn ghand il-Manager cempel lilu. Ix-xhud qal ukoll li nfurmah bil-posizzjoni fuq it-telephone.

/8. .....

Sottomissjonijiet finali. Ghall-appellant gie sottomess li kien hemm permess biex l-appellant jiehu 'long leave' minghajr paga minn Marzu sa Novembru 1978 u dan il-permess kien iffirmat kemm minn ghand is-Sur George Xuereb bhala Managing Director kif ukoll minn ghand is-Sur Victor Zammit bhala Manager. Dan ukoll gie konfermat fl-ittra tal-General Manager li ggib id-data ta 2 ta' Marzu 1978, li kopja taghha kienet giet esibita. Kien ghalhekk li l-appellant wara li spicca it-tmien xhur training l-Ingilterra, li ghalihom kellu permess gie lura ghax-xoghol li ghalih kien promess.

Ghall-kumpanija gie sottomess li fil-fatt l-appellant kien telaq l-impieg biex imur l-Ingilterra kif jidher mill-'minuti' tas-seduti tal-Bord tad-Diretturi li ghalihom kien prezenti s-Sur George Xuereb il-Managing Director. Gie sostnut li s-Sur George Xuereb ma giex moghti l-awtorita' mill-Bord biex fl-ittra lill-appellant jaghtih 'long leave without pay' u s-Sur Xuereb stess fl-ittra kiteb "undertake to re-employ" u bil-kelma "re-employ" ghamilha cara li l-impieg kien spicca u s-Sur George Xuereb ma kellu ebda awtorita' jorbot il-Kumpanija ghal zmien twil hekk fl-aktar zmien kritiku ghal Kumpanija meta kien jaf li hu stess ser ihalli l-impieg tieghu mill-kumpanija ftit granet wara. Kif hareg mix-xhieda, is-Sur Victor Zammit irrifjuta jikteb dik l-ittra ghax ma hass li l-Kumpanija kellha tikkommetti ruhha hekk. Fuq kollox din l-ittra kitibha minkejja l-fatt li fis-seduta tad-Diretturi meta giet diskussa l-kwistjoni u li ghaliha kien prezenti s-Sur Xuereb, id-decizjoni kienet li kien l-appellant li kellu jintrabat sabiex meta jigi lura jerga' jahdem mal-Kumpanija. Gie allegat ukoll li s-Sur Xuereb kellu obbligazzjonijiet specjali lejn l-appellant ghax kien jehodlu hsieb iz-ziemel ghal hin twil waqt ix-xoghol u kien ghalhekk li kiteb dik l-ittra. Kien meta l-appellant cempel mill-Ingilterra li c-Chairman tal-Kumpanija sar jaf b' dak li kiteb is-Sur George Xuereb minn jeddu u ghalhekk ordna lill-General Manager il-gdid is-Sur Victor Zammit biex jikteb l-

ittra tad-29 ta' Lulju 1978,esibita bhala Dok.Nru.15. Ghal din l-ittra l-appellant ma wegibx. Gie sostnut ukoll li fil-minuti tal-Bord tad-Diretturi Nru. 12/78 (Dok. Nru 12) u fl-ittra tas-Sur Xuereb (Dok Nru. 14) gew uzati l-kliem "terminating" u "re-employ" li juru bic-car li l-impieg kien gie kkunsiderat bhala spicca.

Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal

L-appellant gie moghti "long leave" ghal tmien xhur u dan jidher car mill-ittra li kitiblu l-Managing Director tal-Kumpanija, li ggib id-data tat-2 ta' Marzu 1978, minkejja li din l-ittra ma rriflettitx fedelment id-decizjoni tal-Management Meeting li ttiehdet fil-laqgha ta' l-4 ta' Ottubru 1977, li ghaliha kien prezenti l-istess Managing Director li kiteb l-ittra. F'din il-laqgha kien deciz li "a letter of commitment by Caruana is to be entered into, promising his services to Swan on his return from the U.K. at rates and conditions to be discussed at a later stage." Dan ma sarx. Izjed tard fil-laqgha tal-Management Meeting tal-Kumpanija li saret fil-5 ta' Jannar 1978 - xahrejn qabel ma nkitbet l-ittra - u anki ghal din il-laqgha kien prezenti l-Managing Director li kiteb l-ittra, ittiehdet id-decizjoni,"Joe Caruana will be terminating his employment with Swan for a period of eight months." Fl-ittra tat-2 ta' Marzu 1978, l-istess General Manager informa ukoll lill-appellant li "Swan Laundry undertakes to re-employ you" b'kondizzjonijiet godda izda mhux inqas milli kellu.

Il-Managing Director li kiteb l-ittra tat-2 ta' Marzu, spicca fl-ahhar ta' l-istess xahar u fid-29 ta' Lulju 1978, il-General Manager tal-Kumpanija kiteb lill-appellant u ssuggerilu li jaqbillu jibqa' jahdem fejn kien izda "if for your reasons you are left with no alternative

but to return to Malta, I shall offer my help in putting forward your case to the Board for consideration." Ghal din l-ittra l-appellant ma wegibx.

Jidher li dan huwa kaz ta' terminazzjoni bonarja ta' mpieg, accettat mill-impjegat, b'rabta biss minn naha tal-Principal li jerga' jiehdu b'impjegat - salva l-kwistjoni ta' l-ammont tas-salarju l-gdid, li kien ghad irid jigi negozjat.

Decizjoni

Dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni f'kazijiet bhal dan, ghaliex l-unici kwistjonijiet dwar 're-employment' li huwa jista' jiddeciedi huma biss dawk li jinholqu skond l-Artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru XXX/76 "meta jigi allegat li haddiem ikun tkecca b'mod ingust mill-principal."

Ghalhekk, salv id-dritt li l-appellant jagixxi quddiem il-Qorti kompetenti (jekk ikun il-kaz) it-Tribunal jiddeciedi li ma ghandux kompetenza li jaqta' l-meritu kif kontenut fit-talba ta' l-istess appellant.

G.A. CRAIG
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

em